

Brussell, 18 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14882/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0233(NLE)

JUSTCIV 173
CONSOM 247
MARE 40
COMER 149
RELEX 1390

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti (il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti")

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti
dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti
(il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti")**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2), il-punti (b) u (c), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti (il-“Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti” jew il-“Konvenzjoni”) ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/4142, il-Konvenzjoni ġiet iffirmata fl-14 ta' Marzu 2024 f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' materji fil-kompetenza esklużiva tagħha, soġġetta għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard.
- (3) Il-Konvenzjoni hija l-ewwel strument internazzjonali li jistabbilixxi reġim armonizzat biex jingħata effett internazzjonali lill-bejgħ ġudizzjarju, filwaqt li tiġi ppreservata l-liġi domestika li tirregola l-proċedura tal-bejgħ ġudizzjarju u ċ-ċirkostanzi li fihom il-bejgħ ġudizzjarju jagħti titolu ħieles. Hija ssaħħaħ il-qafas legali internazzjonali eżistenti dwar it-tbaħħir u n-navigazzjoni u tagħti kontribut utli għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali armonjużi. Billi tiżgura ċ-ċertezza legali fir-rigward tat-titolu li x-xerrej jakkwista fil-vapur waqt it-tbaħħir internazzjonali tiegħu, il-Konvenzjoni hija mfassla biex timmassimizza l-prezz li l-vapur ikun jista' jattira fis-suq u r-rikavat disponibbli biex jitqassam bejn il-kredituri, u biex tippromwovi l-kummerċ internazzjonali. Għalhekk huwa preferibbli li l-Konvenzjoni tiġi applikata mill-aktar fis possibbli.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/414 tal-21 ta' Diċembru 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (ĠU L, 2024/414, 29.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/414/oj>).

- (4) Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fisem l-Unjoni ser tikkontribwixxi biex jiġu żgurati ċ-
ċertezza u l-prevedibbiltà legali fil-livell internazzjonali u dak Ewropew billi toħloq reġim
uniformi għall-effetti internazzjonali tal-bejgħ ġudizzjarju ta' bastimenti, li huma objettivi
ewlenin tal-Unjoni li għandhom jintlaħqu fl-attivitajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu
3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (5) L-Unjoni qed tiżviluppa kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili b'implikazzjonijiet
transfruntieri abbażi tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji
u extraġudizzjarji. F'dak il-kuntest, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta, fost l-oħrajn, ir-
Regolamenti (UE) Nru 1215/2012³ u (UE) 2020/1784⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill. L-Unjoni għalhekk għandha kompetenza esklużiva fuq il-materji koperti minn
dawk ir-Regolamenti, filwaqt li l-materji l-oħra koperti mill-Konvenzjoni ma humiex f'dik
il-kompetenza.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta'
Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi
kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1215/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru
2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji
ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (ĠU L 405, 2.12.2020, p. 40,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1784/oj>).

- (6) Jenħtieġ li l-Unjoni issir parti għall-Konvenzjoni biss fir-rigward tal-materji fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, jġigifieri, sa fejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni jew ibiddu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Fil-preżent, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jittrattaw materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili kif dettaljat fid-Dikjarazzjoni mehmuża dwar il-kompetenza tal-Unjoni, u l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sal-punt li l-Konvenzjoni ma taffettwax ir-regoli komuni jew ma tbiddilx il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni fir-rigward ta' materji fil-kompetenza esklużiva tagħha hija mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-ratifika tal-Konvenzjoni, dwar materji fil-kompetenzi nazzjonali tagħhom.
- (7) Il-Konvenzjoni jipprevedi li l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika għandha tagħmel dikjarazzjoni li tispeċifika l-materji rregolati mill-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza ġiet trasferita lil dik l-organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha. Il-Konvenzjoni tipprevedi wkoll li dik id-dikjarazzjoni ssir fil-mument tal-firma, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni. Fil-ħin tal-firma, l-Unjoni għamlet dik id-dikjarazzjoni li tindika l-kompetenza tagħha fil-materji rregolati mill-Konvenzjoni.

- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma hijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma hijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (9) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma hijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (10) Jenħtieġ li jiġu approvati l-Konvenzjoni u d-Dikjarazzjoni mehmuża dwar il-kompetenza tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti ("il-Konvenzjoni") hija b'dan approvata.

It-test tal-Konvenzjoni^{**+} huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni meħmuża^{**++} dwar il-kompetenza tal-Unjoni hija b'dan approvataskont l-Artikolu 20(1) tal-Konvenzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*⁵.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

* Delegati: ara d-dokument ST 15716/23.

+ ĠU: jekk jogħġbok ehmeż id-dokument ST 15716/23.

** Delegati: ara d-dokument ST 14882/25 ADD1.

++ ĠU: jekk jogħġbok ehmeż id-dokument ST 14882/25 ADD1.

⁵ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.